



Brussell, 10 ta' Frar 2022
(OR. fr)

6051/22

TRANS 66
RELEX 150

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	ST 5833/1/22 REV 1 Ftehim ta' livell għoli bejn l-UE u s-sħab tal-Balkani tal-Punent (l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo*, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, il-Montenegro u s-Serbja) għall-adattament tal-mapep indikattivi ta' pajjiżi ġirien fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (ir-Regolament TEN-T) - Awtorizzazzjoni għal negozjati dwar strument mhux vinkolanti

1. Fl-1 ta' Frar 2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks ġie infurmat f'nota mill-Kummissjoni¹, dwar l-intenzjoni tagħha li tidħol f'negozjati dwar ftehim ta' livell għoli bejn l-UE u s-sħab tal-Balkani tal-Punent (l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo*, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, il-Montenegro u s-Serbja) dwar in-networks tal-infrastruttura tat-trasport bil-ħsieb li jiġi adottat, wara l-iffirmar ta' dak l-istrument mhux vinkolanti, att delegat, li ser jadatta l-mapep indikattivi eżistenti tas-sħab tal-Balkani tal-Punent skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (ir-Regolament TEN-T).

* Cette désignation est sans préjudice des positions sur le statut du Kosovo, et est conforme à la résolution 1244/1999 du Conseil de sécurité des Nations Unies et à l'avis de la CIJ sur la déclaration d'indépendance du Kosovo

¹ ST 5833/1/22 REV 1

2. Tabilħaqq, is-sitt sħab tal-Balkani tal-Punent imsemmija hawn fuq esprimew ix-xewqa lill-Kummissjoni li jagħmlu bidliet fil-mapep indikattivi li jippreżentaw it-TEN-T (network komprensiv u ewlieni) u n-nodi tat-trasport (ajruporti u portijiet) fit-territorju tagħhom.
3. In-nota mis-servizzi tal-Kummissjoni dwar dan is-suġġett ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma fis-7 ta' Frar 2022. Ma tqajmet oġġezzjoni mill-ebda delegazzjoni biex tingħata l-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni biex tibda n-negozjati. Madankollu, peress li f'dan l-istadju l-informazzjoni disponibbli dwar it-talbiet eżatti tas-sitt sħab tal-Balkani tal-Punent hija limitata ħafna, il-Kummissjoni qablet li taqsa aktar informazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma hekk kif din issir disponibbli.
4. Barra minn hekk, huwa mifhum li l-Kummissjoni ser tikkonsulta lill-Kunsill fi tmiem in-negozjati biex tikseb l-awtorizzazzjoni tiegħu għall-iffirmar tal-ftehim ta' livell għoli f'isem l-UE.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja l-ftehim ta' livell għoli msemmi hawn fuq bejn l-UE u s-sitt sħab tal-Balkani tal-Punent.